**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**30 ta' Awwissu, 2020**

# L-ORDNI FIL-ĦAJJA

Min hu ordnat, l-ewwel li jibda hu mit-tmiem! Iva, għax



biex torganizza xi ħaġa sewwa trid tara x'inhu meħtieġ biex tasal għaliha.

Jekk se nsajjar fenek, irid nibda billi nixtri l-ħwawar, ir-rand, il-fenek u l-kumplament.

Anke fix-xjenza nfittxu l-ordni, jiġifieri nippruvaw naraw kif inhuma magħmulin l-affarijiet. Nafu li fil-mod ta' kif jimxu l-atomi u l-pjaneti hemm liġijiet li huma fissi.

Issa biex ikollna l-ordni fil-ħajja spiritwali tagħna rridu nżommu lil Alla fiċ-ċentru. Juliana ta' Norwich kienet tara lil Alla hekk: "I saw God in a point, the mid point at the centre of all things." L-antiki kienu jgħidu "Nothing in excess." L-ordni fil-ħajja spiritwali tinkludi l-bilanċ bejn l-estremi.

Il-qaddisin kienu jżommu l-ordni fil-ħajja tagħhom. Il-kittieb Ġiżwita de Caussade kien jgħid li rridu nżommu għaqda m'Alla l-ħin kollu permezz ta' "The sacrament of the Present Moment." Dawn il-kelmiet għalih kienu jfissru hekk:

- Alla qiegħed f'kull post fejn inkun jien;
- jien nirċievi l-grazzja tiegħu f'kull mument u f'kull post jekk moħħi jkun dispost għal dan.

Jingħad li wieħed kien dieħel għall-operazzjoni u sema' lin-nurse tgħid lis-surgeon li kollox kien ippreparat. Il-pazjent sejħilha u qalilha, "Ma jien ippreparat f'xejn! Sejjaħ qassis għax irrid nirċievi l-Griżma tal-Morda."

***L-Arċipriet***

## ROKNA EKOLOĠIKA

Ix-xemx tiżreġ tagħtina sensazzjoni ta' ħajja u ottimiżmu. Ix-xemx tistedinna noħorġu barra, speċjalment meta tkun xemx tar-rebbiegħa. Qabel ma beda l-Kristjaneżmu, il-jum li kien jikkorrispondi għall-Ħadd tal-lum, kienu jsejħulu Jum ix-Xemx. Huwa għalhekk li bl-Ingliż għadna ngħidu Sunday. Ix-xemx tfakkarna fil-jum tal-Ħadd, jum il-Mulej, li jdawwal lir-ruħ tagħna. Ma ninsewx sabiex il-Ħadd niddedikawh għax-Xemx-Ġesù, għall-familja u għall-ħbieb.

## Avviżi

1. Nirringrazzjaw lil dawk li taw offerta għal-lift matul il-jiem li għaddew.
2. Fil-jiem li ġejjin se nqassmu direttorju utli ħafna għan-nies tan-Nadur. Fih mijiet ta' kuntatti telefoniċi u tal-mowbajl bis-servizzi u negozji fin-Nadur u barra mil-lokalità tagħna. Iż-żgħażagħ taċ-ċentru se jqassmuh bieb bieb u nitolbu xi ħaġa għal-lift taċ-ċentru.
3. Hemm bosta kaħħala, electricians u persuni oħrajn li jġibulna wajers u vitien qodma. Nirringrazzjawkom ħafna.
4. Hemm grupp li qed iħejji wirja fl-okkażjoni tal-100 sena mill-mewt ta' Dun Martin Camilleri 1920-2021.
5. Nitolbukom sabiex tibqgħu żżommu s-social distancing fil-knisja u tilbsu l-maskra kull fejn u kull xħin tkun meħtieġa. Iktar ma jkollna s-sitwazzjoni taħt kontroll, iktar ikun hemm ċans li naraw l-iskejjel jiftħu għat-tagħlim.
6. Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru hija l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Wara l-quddiesa tal-5.30pm ikun hawn fil-knisja s-siegħa tal-Ħniena Divina. Kulħadd mistieden jiltaqa' ma' Ġesù u jitlob ħniena għall-midinbin kollha.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am